2025/2347

24.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2347

tal-21 ta' Novembru 2025

dwar it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 126(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 120(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139, id-dħul tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") jinkludi, fost l-oħrajn, it-tariffi mħallsin mill-applikanti għaċ-ċertifikati li jinħarġu mill-Aġenzija, u mid-detenturi tagħhom, kif ukoll minn persuni li rreġistraw dikjarazzjonijiet mal-Aġenzija, u l-imposti għall-pubblikazzjonijiet, għat-trattament tal-appelli, għat-taħriġ u għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2153 ([2]) stabbilixxa t-tariffi u l-imposti li jridu jiġu applikati mill-Aġenzija. Madankollu, it-tariffi jridu jiġu aġġustati sabiex jinkiseb l-irkupru tal-kost sħiħ tal-attivitajiet relatati mas-servizzi li jingħataw mill-Aġenzija filwaqt li tiġi evitata l-akkumulazzjoni sinifikanti ta' surplus, f'konformità mal-Artikolu 126(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(3) Minn naħa waħda, it-tariffi u l-imposti aġġustati jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod trasparenti, ekwu, mhux diskriminatorju u uniformi, u jenħtieġ li jqisu l-previżjonijiet tal-Aġenzija fir-rigward tal-ammont ta' xogħol tagħha, il-kostijiet relatati u fatturi rilevanti oħrajn. Min-naħa l-oħra, it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija jenħtieġ li ma jipperikolawx il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni kkonċernata. Bl-istess mod, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti fuq bażi li tqis kif xieraq il-kapaċità tal-persuni ġuridiċi jew fiżiċi kkonċernati, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs, micro, small and medium-sized enterprises), li jħallsu t-tariffi.

(4) Filwaqt li jiġu rikonoxxuti r-restrizzjonijiet operazzjonali, finanzjarji u amministrattivi li jiffaċċjaw l-SMEs, jixraq li jiġu applikati rekwiżiti u proċessi li jkunu proporzjonati għall-ispeċifiċitajiet tagħhom u li jittaffa l-piż amministrattiv żejjed. Ir-rekwiżiti tekniċi regolatorji fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà inizjali u kontinwa, il-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal, l-operazzjonijiet tal-ajru, is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir u l-proċessi ta' ċertifikazzjoni relatati huma għalhekk skalati jew simplifikati għall-SMEs. L-istruttura tat-tariffi hija adattata għad-daqs u l-kumplessità fir-rigward tal-prodott relatat jew l-approvazzjoni organizzazzjonali. Barra minn hekk, l-Aġenzija qed tipprovdi gwida u appoġġ fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti.

(5) Filwaqt li jenħtieġ li s-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tkun it-tħassib ewlieni, jenħtieġ li madankollu l-Aġenzija tqis bis-sħiħ il-kosteffiċjenza meta tkun qed twettaq il-kompiti li huma d-dmir tagħha, filwaqt li tqis il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-kompiti, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1139, u r-riżorsi disponibbli għaliha.

(6) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun intitolata tapplika tariffi u imposti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni jew għall-forniment ta' servizzi oħrajn, li ma jissemmewx b'mod speċifiku fl-Anness ta' dan ir-Regolament, iżda li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 jew li huma imposti fuq l-Aġenzija skont leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, biex tiffinanzja l-kostijiet assoċjati.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2153 tas-16 ta' Diċembru 2019 dwar it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 319/2014 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2153/oj).

(7) Il-ftehimiet imsemmijin fl-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 normalment jipprovdu bażi għall-evalwazzjoni tal-ammont ta' xogħol reali involut fiċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti ta' pajjiżi terzi. Fil-prinċipju, il-proċess għall-validazzjoni mill-Aġenzija taċ-ċertifikati maħruġin minn pajjiż terz li miegħu l-Unjoni għandha ftehim xieraq huwa deskritt f'dan il-ftehim u jirriżulta f'ammont ta' xogħol differenti mill-ammont ta' xogħol meħtieġ għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mill-Aġenzija. Dan huwa primarjament minħabba l-fatt li l-Aġenzija tista' sserraħ, sa ċertu punt, fuq l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni diġà mwettqin mill-awtorità tal-pajjiż terz skont it-termini tal-ftehim rilevanti, u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' xogħol meħtieġ mill-Aġenzija. Għalhekk, huwa meħtieġ li t-tariffi applikabbli jiġu aġġustati biex jirriflettu n-natura tal-ammont ta' xogħol assoċjat ma' dawn il-validazzjonijiet.

(8) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, l-effiċjenza amministrattiva u l-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li jiġu ffissati l-limiti ta' żmien għall-ħlas tat-tariffi u l-imposti applikati skont dan ir-Regolament.

(9) Fl-interess tal-ekwità finanzjarja u tal-proporzjonalità, meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew meta t-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi interrott jew itterminat, it-tariffi pagabbli jenħtieġ li jiġu ffissati f'ammont xieraq li jqis l-ammont ta' xogħol imnaqqas.

(10) Jixraq li meta l-Aġenzija ddewwem temporanjament il-bidu tal-evalwazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjoni ġdida, jenħtieġ li t-tariffi applikabbli jiġu applikati biss mal-bidu tal-attivitajiet tal-Aġenzija.

(11) Sabiex it-tariffi u l-imposti jkunu jistgħu jiġu rkuprati bl-aktar mod sħiħ possibbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rimedji xierqa f'każijiet ta' nuqqas ta' ħlas u riskju ta' nuqqas ta' ħlas.

(12) Jenħtieġ li l-pożizzjoni ġeografika tal-intrapriżi fit-territorji tal-Istati Membri ma tkunx fattur diskriminatorju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati mal-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqin f'isem dawn l-intrapriżi jiġu aggregati u jinqasmu bejn l-applikanti.

(13) Jenħtieġ li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu stima tal-ammont li jrid jitħallas għall-kompiti u s-servizzi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiżdied il-prevedibbiltà. F'ċerti każijiet, it-tħejjija tal-istima tirrikjedi li l-Aġenzija twettaq analiżi teknika minn qabel. Huwa ġġustifikat li l-Aġenzija tiġi remunerata għall-kost ta' dik l-analiżi kif xieraq.

(14) Sabiex jiġu skoraġġuti appelli bla bażi jew dilatorji u tiġi żgurata l-ekwità proċedurali, il-ħlas sħiħ tal-imposti għal appell kontra deċiżjonijiet tal-Aġenzija jenħtieġ li jkun prerekwiżit biex l-appell ikun ammissibbli.

(15) Filwaqt li jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti lill-industrija tantiċipa l-livell tat-tariffi u l-imposti li hija tkun meħtieġa tħallas, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat regolarment jekk it-termini tiegħu għandhomx bżonn jiġu riveduti, f'konformità mal-Artikolu 126(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(16) Sabiex il-partijiet interessati jingħataw għarfien dwar ir-raġunament wara t-tariffi, jenħtieġ li dawn jiġu infurmati dwar kif jiġu kkalkulati t-tariffi. Jenħtieġ li dawn jiġu kkonsultati wkoll qabel kwalunkwe bidla fit-tariffi, sabiex jiġu spjegati r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla proposta.

(17) Fid-9 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 98(2), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2018/1139. Fl-10 ta' Settembru 2025, il-Bord tat-Tmexxija esprima l-opinjoni favorevoli tiegħu.

(18) Minħabba n-numru ta' emendi u fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153 jitħassar.

(19) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mir-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri li jkunu għadhom għaddejjin, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti tariffi u imposti lill-Aġenzija, l-ammont tat-tariffi u l-imposti u l-mod kif dawn iridu jitħallsu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tariffi" tfisser l-ammonti applikati mill-Aġenzija u pagabbli mill-applikanti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni;

(2) "imposti" tfisser l-ammonti applikati mill-Aġenzija għas-servizzi pprovduti minbarra l-kompiti ta' ċertifikazzjoni;

(3) "kompitu ta' ċertifikazzjoni" tfisser kwalunkwe attività mwettqa mill-Aġenzija direttament jew indirettament għall-finijiet tal-ħruġ, taż-żamma jew tal-emendar taċ-ċertifikati u r-reġistrazzjoni, iż-żamma u l-emendar tad-dikjarazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 (u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dak ir-Regolament);

(4) "servizz" tfisser kwalunkwe attività mwettqa mill-Aġenzija minbarra l-kompiti ta' ċertifikazzjoni, inkluża l-provvista tal-merkanzija jew l-għoti ta' pariri tekniċi;

(5) "applikant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li titlob kompitu ta' ċertifikazzjoni jew servizz ipprovdut mill-Aġenzija;

(6) "ċiklu ta' fatturazzjoni" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar applikat għall-proġetti pluriennali u għall-kompiti ta' sorveljanza, li jibda:

(a) għat-tariffi u l-imposti elenkati fil-Parti I, it-Tabelli 1 sa 6, tal-Anness, fid-data li fiha tasal l-applikazzjoni;

(b) għat-tariffi tal-awtorizzazzjoni elenkati fil-Parti I, it-Tabella 7 A, tal-Anness, fid-data li fiha tasal l-applikazzjoni;

(c) għat-tariffi tal-monitoraġġ elenkati fil-Parti I, it-Tabella 7 A, tal-Anness, fid-data li fiha jinħareġ iċ-ċertifikat;

(d) għat-tariffi elenkati fil-Parti I, it-Tabella 8, tal-Anness, fl-1 ta' Ġunju wara l-ħruġ taċ-ċertifikat;

(e) għat-tariffi tal-approvazzjoni elenkati fil-Parti I, it-Tabelli 9 A sa 22, tal-Anness, fid-data li fiha tasal l-applikazzjoni;

(f) għat-tariffi tas-sorveljanza elenkati fil-Parti I, it-Tabella 9 A sa 22, tal-Anness, fid-data li fiha jinħareġ iċ-ċertifikat;

(g) għat-tariffi tat-tħejjija tat-trasferiment elenkati fil-Parti I, it-Tabelli 16 A, 17 A, 19 A u 20 A, tal-Anness, fid-data li fiha jinħareġ iċ-ċertifikat;

(h) għall-imposta tal-ħruġ elenkata fil-Parti I, it-Tabella 23, tal-Anness, fid-data li fiha tasal l-applikazzjoni;

(i) għall-imposta tat-tiġdid elenkata fil-Parti I, it-Tabella 23, tal-Anness, fl-1 ta' Frar wara l-ħruġ taċ-ċertifikat;

(j) għall-imposti tal-abbonament elenkati fil-Parti I, it-Tabella 24, tal-Anness, fid-data li fiha jingħata aċċess għall-pjattaforma;

(k) għall-applikazzjonijiet soġġetti għal bidu differit kif imsemmi fl-Artikolu 10(4), fid-data li fiha l-Aġenzija tibda t-twettiq tal-kompiti assoċjati ma' dik l-applikazzjoni;

(7) "speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni" jew "CS" (certification specification) tfisser speċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni adottata skont l-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139 u ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija.

(8) "VTOL" tfisser inġenju tal-ajru bir-rotors jew kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor itqal mill-arja li għandu l-kapaċità ta' qtugħ mill-art vertikali u/jew inżul fl-art vertikali;

(9) "HTOL" tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru itqal mill-arja li mhuwiex VTOL;

(10) "VTOL Kbir" tfisser inġenju tal-ajru bir-rotors CS-29 u CS-27 tal-KAT A;

(11) "VTOL Żgħir" tfisser inġenju tal-ajru bir-rotors CS-27 b'piż massimu waqt il-qtugħ mill-art (MTOW, maximum take-off weight) ta' inqas minn 3 175 kg u limitat għal erba' sits, eskluż il-bdot;

(12) "VTOL Medju" tfisser inġenji tal-ajru bir-rotors CS-27 oħrajn;

(13) "VTOL Ħafif Ħafna" tfisser inġenju tal-ajru bir-rotors b'disinn sempliċi b'MTOW ta' inqas minn 600 kg, limitat għal żewġ sits inkluż il-bdot, mhux imħaddem b'magni bit-turbini u/jew magni rokits u ristrett għal operazzjonijiet VFR ta' binhar;

(14) "inġenju tal-ajru bir-rotors" tfisser inġenju tal-ajru awtopropulsiv, itqal mill-arja li għas-sostenn tiegħu waqt it-titjir, jiddependi prinċipalment fuq l-irfigħ iġġenerat minn massimu ta' żewġ rotors.

(15) "inġenju tal-ajru b'kapaċità VTOL" jew "VCA" tfisser inġenju tal-ajru awtopropulsiv, itqal mill-arja, ħlief ajruplan jew inġenju tal-ajru bir-rotors, li kapaċi jwettaq qtugħ mill-art u nżul fl-art vertikali b'unitajiet tal-irfigħ u tal-propulsjoni użati biex jipprovdu l-irfigħ waqt il-qtugħ mill-art u l-inżul fl-art;

(16) "inġenju tal-ajru bi prestazzjoni għolja fil-kategorija tal-piż sa 5 700 kg" tfisser ajruplani li għandhom numru ta' Mach operatorju massimu (MMO, Maximum Operating Mach) akbar minn 0,6 u/jew altitudni massima ta' tħaddim ta' aktar minn 25 000 pied.;

(17) "iġfna tal-ajru żgħar" tfisser:

(a) l-iġfna tal-ajru kollha li jaħdmu bl-arja sħuna, irrispettivament mid-daqs tagħhom;

(b) l-iġfna tal-ajru li jaħdmu bil-gass b'volum sa 2 000 m^3;

(18) "iġfna tal-ajru medji" tfisser iġfna tal-ajru li jaħdmu bil-gass b'volum bejn 2 000 m^3 u 20 000 m^3;

(19) "iġfna tal-ajru kbar" tfisser iġfna tal-ajru li jaħdmu bil-gass b'volum ta' aktar minn 20 000 m^3.

Artikolu 3

Determinazzjoni tat-tariffi u tal-imposti

1. It-tariffi u l-imposti għandhom jintalbu u jiġu applikati mill-Aġenzija biss f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, it-tariffi u l-imposti għandhom jiġu kkalkulati bir-rata fis-siegħa indikata fil-Parti II tal-Anness.

3. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw tariffi għall-kompiti mwettqin mill-Aġenzija, anke jekk huma jwettqu dawk il-kompiti f'isem l-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tirrimborża lill-Istati Membri għall-kompiti li jwettqu f'isimha.

4. It-tariffi u l-imposti għandhom ikunu denominati u pagabbli f'euro.

5. L-ammonti msemmijin fil-Partijiet I, II u IIa tal-Anness għandhom jiġu indiċjati, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, skont ir-rata ta' inflazzjoni f'konformità mal-metodu stabbilit fil-Parti IV tal-Anness.

6. B'deroga mit-tariffi msemmijin fl-Anness, it-tariffi għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqin fil-kuntest ta' ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jistgħu jkunu soġġetti għal dispożizzjonijiet apposta stipulati fil-ftehim bilaterali rispettiv.

Artikolu 4

Ħlas tat-tariffi jew tal-imposti

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi t-termini tal-ħlas tat-tariffi u tal-imposti, billi tiddeskrivi taħt liema kundizzjonijiet l-Aġenzija timponi ħlas għall-kompiti u s-servizzi ta' ċertifikazzjoni. L-Aġenzija għandha tippubblika t-termini fuq is-sit web tagħha.

2. L-applikant għandu jħallas l-ammont dovut bis-sħiħ, fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha l-fattura tiġi nnotifikata lill-applikant.

3. Meta l-Aġenzija ma tkunx irċeviet il-ħlas ta' fattura fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija tista' timponi imgħax għal kull jum kalendarju ta' dewmien.

4. Ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar tad-data ta' maturità, miżjuda bi tmien punti perċentwali.

Artikolu 5

Rifjut jew terminazzjoni għal raġunijiet finanzjarji

1. L-Aġenzija tista':

(a) tirrifjuta applikazzjoni jekk it-tariffi jew l-imposti dovuti ma jkunux waslu sal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 4(2);

(b) tirrifjuta jew tittermina applikazzjoni fejn ikun hemm evidenza li l-kapaċità finanzjarja tal-applikant tkun f'riskju, sakemm l-applikant ma jipprovdix garanzija bankarja jew depożitu garantit;

(c) tirrifjuta jew tittermina applikazzjoni fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 8(4), it-tieni subparagrafu;

(d) tirrifjuta talba għat-trasferiment ta' ċertifikat jew talba għal bidla fis-sjieda, meta l-obbligazzjonijiet ta' ħlas li jirriżultaw mill-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqin jew mis-servizzi pprovduti mill-Aġenzija ma jkunux ġew issodisfati.

2. Qabel ma tipproċedi f'konformità mal-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-applikant dwar il-miżura maħsuba tal-Aġenzija.

3. L-Aġenzija tista' tipprevedi raġunijiet oħrajn għar-rifjut jew għat-terminazzjoni ta' applikazzjoni fir-regoli ta' proċedura tagħha, inkluż iżda mhux limitati:

(a) għan-nuqqas tal-applikant li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu.

(b) għal nuqqas ta' riżorsi fl-istruttura tal-applikant biex jiġi żgurat li l-attivitajiet kollha tal-organizzazzjoni jkunu jistgħu jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 6

Spejjeż tal-ivvjaġġar

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba fil-kuntest tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni u l-forniment tas-servizzi għandhom jiġu imposti esklużivament f'konformità mal-Parti VI tal-Anness.

Artikolu 7

Stima finanzjarja

1. Fuq talba ta' applikant, u soġġett għall-paragrafu 2, l-Aġenzija għandha tipprovdi stima finanzjarja tat-tariffi jew l-imposti li jridu jitħallsu mill-applikant.

2. Meta l-istima finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 tkun teħtieġ analiżi teknika minn qabel mill-Aġenzija minħabba l-kumplessità mistennija tal-proġett, il-ħlas għal din l-analiżi għandu jiġi impost fuq bażi ta' kull siegħa, skont ftehim li jrid jiġi ffirmat bejn l-applikant u l-Aġenzija.

3. Fuq talba tal-applikant, l-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom jiġu sospiżi sakemm l-istima finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 tkun ġiet ipprovduta mill-Aġenzija u aċċettata mill-applikant.

4. L-istima finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi emendata mill-Aġenzija fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kompitu jkun aktar sempliċi jew jista' jitwettaq aktar malajr milli kien previst inizjalment

(b) il-kompitu jkun aktar kumpless u jieħu aktar żmien biex jitwettaq milli setgħet raġonevolment tipprevedi l-Aġenzija.

KAPITOLU II

TARIFFI

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-ħlas tat-tariffi

1. It-twettiq tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni għandu jkun soġġett għal ħlas minn qabel tal-ammont sħiħ tat-tariffa dovuta, sakemm l-Aġenzija ma tiddeċidix mod ieħor wara kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji finanzjarji involuti. L-Aġenzija tista' toħroġ il-fattura għat-tariffa f'pagament parzjali wieħed wara li tkun irċeviet l-applikazzjoni jew fil-bidu tal-perjodu annwali jew dak ta' sorveljanza.

2. It-tariffa li trid titħallas mill-applikant għal kompitu ta' ċertifikazzjoni partikolari għandha tikkonsisti f'waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tariffa fissa kif stabbilit fil-Parti I tal-Anness;

(b) tariffa varjabbli.

3. It-tariffa varjabbli msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandha tiġi stabbilita billi n-numru reali ta' sigħat tax-xogħol jiġi mmultiplikat bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness.

4. Meta ġustifikat miċ-ċirkostanzi tekniċi rilevanti għat-tariffi u soġġett għall-qbil tal-applikant, l-Aġenzija tista':

(a) tikklassifika mill-ġdid applikazzjoni fil-kategoriji identifikati fl-Anness;

(b) tikklassifika mill-ġdid diversi applikazzjonijiet bħala applikazzjoni waħda, dment li dawk l-applikazzjonijiet jkunu jikkonċernaw l-istess disinn tat-tip u jkunu jappartjenu għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, fi kwalunkwe kombinament:

   (i) bidliet maġġuri,

   (ii) tiswijiet maġġuri,

   (iii) ċertifikati tat-tip supplimentari.

Meta l-applikant ma jaqbilx mar-riklassifikazzjoni proposta, l-Aġenzija tista' tirrifjuta jew tittermina l-applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet (i)kkonċernata/i.

Artikolu 9

Perjodi ta' fatturazzjoni

1. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 1, 2, u 3, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni. Għall-perjodu wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, it-tariffi għandhom ikunu 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti għal kull jum.

2. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 4, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni.

3. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 7 A, tal-Anness, għandhom jiġu applikati kif ġej:

(a) tariffi tal-awtorizzazzjoni u tariffi tan-notifika ta' darba, għal kull applikazzjoni;

(b) tariffi tal-monitoraġġ, għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni.

4. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 8, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni.

5. It-tariffi tal-approvazzjoni msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 9 A, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni.

Għall-perjodu wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, it-tariffi tal-approvazzjoni għandhom ikunu 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti għal kull jum.

6. It-tariffi tas-sorveljanza msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 9 A, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni.

7. It-tariffi tal-approvazzjoni ta' bidliet sinifikanti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 9 A, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni.

8. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 9B sa 14 u t-Tabelli 16 A sa 22, tal-Anness, għandhom jiġu applikati kif ġej:

(a) tariffi tal-approvazzjoni, għal kull applikazzjoni;

(b) tariffi tas-sorveljanza, għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni;

(c) tariffi tat-tħejjija tat-trasferiment, għal kull ċertifikat.

9. Għall-fini tat-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 9 A sa 14 u t-Tabelli 16 A sa 22, tal-Anness, kwalunkwe bidla f'organizzazzjoni li taffettwa l-approvazzjoni tagħha għandu jkollha l-effett ta' kalkolu mill-ġdid tat-tariffa tas-sorveljanza dovuta miċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jmiss wara l-approvazzjoni tal-bidla.

10. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 8, tal-Anness, għandhom, għall-perjodu bejn id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat u l-bidu tal-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni minn hemm 'il quddiem, jiġu kkalkulati *pro rata temporis*.

11. Meta r-riklassifikazzjoni ta' applikazzjoni twassal għal bidla fit-tariffi applikabbli, it-tariffi għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid kif ġej:

(a) għat-tariffi applikati għal kull applikazzjoni, mid-data li fiha tasal l-applikazzjoni;

(b) għat-tariffi applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, miċ-ċiklu ta' fatturazzjoni attwali u 'l quddiem;

(c) meta l-Aġenzija tikklassifika mill-ġdid diversi applikazzjonijiet bħala applikazzjoni waħda f'konformità mal-Artikolu 8(4), il-punt (b), mid-data meqjusa rilevanti għar-riklassifikazzjoni.

12. It-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 7B u 15, tal-Anness, għandhom jiġu applikati f'konformità mal-perjodi ta' fatturazzjoni speċifikati fit-Tabelli rispettivi.

Artikolu 10

Rifjut tal-applikazzjonijiet, terminazzjoni u interruzzjoni tat-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjonijiet

1. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat jew interrott, it-tariffi applikabbli flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati u kwalunkwe ammont dovut ieħor għandhom ikunu pagabbli bis-sħiħ fiż-żmien li fih l-Aġenzija tieqaf twettaq il-kompitu, filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għat-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 1, 2 u 3 u t-tariffi tal-approvazzjoni msemmijin fit-Tabella 9 A, tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej għandu jkun 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti għal kull jum, filwaqt li għall-perjodi ta' qabel iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej, it-tariffi applikabbli għandhom jibqgħu dovuti;

(b) għat-tariffi msemmijin fil-Parti 1, it-Tabelli 4, 15 u 19D, tal-Anness, u għat-tariffi fissi msemmijin fil-Parti II tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jkun 50 % tat-tariffa applikabbli;

(c) għat-tariffi msemmijin fil-Parti 1, it-Tabelli 9B sa 22, tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa iżda ma għandux jaqbeż it-tariffa fissa applikabbli;

(d) għat-tariffi msemmijin fil-Parti II tal-Anness, applikati fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa;

(e) għal kwalunkwe tariffa mhux imsemmija fil-punti (a) sa (d), il-bilanċ dovut għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-applikant u l-Aġenzija.

3. Meta interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni ssir effettiva fl-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, it-tariffi għal dak iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni ma għandhomx jiġu rrimborżati. Meta tali interruzzjoni ssir effettiva wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (a). Meta, wara interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni, l-Aġenzija tissokta bit-twettiq ta' dak il-kompitu, awtomatikament wara li jiskadi l-perjodu ta' interruzzjoni magħżul mill-applikant jew aktar kmieni fuq talba tal-applikant, l-Aġenzija għandha tapplika tariffa ġdida, irrispettivament mit-tariffi li jkunu diġà tħallsu għall-kompitu interrott. It-tariffi l-ġodda għandhom ikunu 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti għal kull jum.

4. L-Aġenzija tista' tiddifferixxi temporanjament il-bidu tal-evalwazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjoni ġdida meta żieda eċċezzjonali u temporanja f'kompiti u f'servizzi ta' ċertifikazzjoni konkorrenti, flimkien ma' tnaqqis fil-kapaċità operazzjonali, tkun teħtieġ dan id-differiment.

5. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm proċedura ekwa, trasparenti u mhux diskriminatorja, li tirregola l-kundizzjonijiet li skonthom applikazzjoni tista' tkun soġġetta għall-bidu differit imsemmi fil-paragrafu 4. Id-deċiżjoni li l-bidu jiġi differit għandha tkun ibbażata, b'mod partikolari, fuq valutazzjoni tal-fatturi li ġejjin:

(a) disponibbiltà tar-riżorsi;

(b) stima tal-ammont ta' xogħol u tul ta' żmien;

(c) impatt fuq attivitajiet oħrajn li jkunu għaddejjin;

(d) rilevanza tas-sikurezza tal-applikazzjoni.

L-Aġenzija għandha tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-applikant bid-deċiżjoni li tiddifferixxi l-bidu, u tinkludi r-raġunijiet għad-differiment u, meta jkun possibbli, stima tal-iskeda taż-żmien għall-bidu tal-evalwazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjoni.

6. It-tariffi relatati mal-applikazzjoni affettwata mill-bidu differit imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom jiġu fatturati u jsiru effettivi mid-data li fiha l-Aġenzija tibda t-twettiq tal-kompiti assoċjati ma' dik l-applikazzjoni.

7. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data li fiha tasal it-talba;

(b) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq inizjattiva tal-Aġenzija għandha titqies effettiva fid-data li fiha d-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tiġi kkomunikata lill-applikant;

(c) l-interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data indikata mill-applikant, iżda mhux qabel id-data li fiha t-talba tasal għand l-Aġenzija.

8. It-tariffi mħallsin għal kompitu relatat ma' applikazzjoni, li għalih ikun ġie tterminat it-twettiq tal-kompiti, ma għandhomx jitqiesu għal kwalunkwe kompitu sussegwenti, anke jekk dak il-kompitu jkun tal-istess natura tal-kompitu tterminat.

Artikolu 11

Sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikati u dereġistrazzjoni tad-dikjarazzjonijiet

1. Jekk it-tariffi pendenti ma jkunux waslu sal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 4(2), l-Aġenzija tista' tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti wara li tkun ikkonsultat lid-detentur taċ-ċertifikat jew tneħħi r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni rilevanti wara li tkun ikkonsultat lill-emittent tad-dikjarazzjoni.

2. Jekk l-Aġenzija tissospendi ċertifikat jew tneħħi r-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni b'mod temporanju minħabba li d-detentur taċ-ċertifikat jew l-emittent tad-dikjarazzjoni jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jew jonqos milli jħallas it-tariffa annwali jew it-tariffa tas-sorveljanza, l-Aġenzija għandha, minkejja din is-sospensjoni, tkompli toħroġ fattura għat-tariffa annwali jew għat-tariffa tas-sorveljanza f'pagament parzjali wieħed fil-bidu tal-perjodu annwali jew ta' sorveljanza. L-Aġenzija tista' tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti jew tneħħi r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni rilevanti b'mod permanenti jekk id-detentur taċ-ċertifikat jew l-emittent tad-dikjarazzjoni jonqos milli jikkonforma mal-obbligazzjonijiet ta' ħlas tiegħu fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tan-notifika tas-sospensjoni. Id-dħul mill-ġdid taċ-ċertifikat jew tad-dikjarazzjoni għandu jkun soġġett għal ħlas minn qabel tal-bilanċ tat-tariffi dovuti għall-perjodu tas-sospensjoni, flimkien ma' kwalunkwe ammont ieħor dovut f'dak iż-żmien.

3. Jekk l-Aġenzija tirrevoka ċertifikat jew tneħħi r-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni b'mod permanenti minħabba li d-detentur taċ-ċertifikat jew l-emittent tad-dikjarazzjoni jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jew jonqos milli jħallas it-tariffa annwali jew it-tariffa tas-sorveljanza, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għat-tariffi fissi annwali jew tas-sorveljanza applikati għal kull ċertifikat jew dikjarazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jkun 1/365 tat-tariffa fissa rilevanti għal kull jum;

(b) għat-tariffi annwali jew tas-sorveljanza applikati fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa.

L-ammonti msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), flimkien ma' kwalunkwe spiża tal-ivvjaġġar u kwalunkwe ammont dovut ieħor, għandhom ikunu pagabbli bis-sħiħ fid-data li fiha tidħol fis-seħħ ir-revoka jew id-dereġistrazzjoni.

Artikolu 12

Ċediment jew trasferiment taċ-ċertifikati, u diżattivazzjoni tal-apparati ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir

1. Jekk id-detentur taċ-ċertifikat iċedi ċertifikat, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

(a) għat-tariffi fissi annwali jew tas-sorveljanza applikati għal kull ċertifikat u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, 1/365 tat-tariffa fissa annwali rilevanti għal kull jum;

(b) għat-tariffi annwali jew tas-sorveljanza applikati fuq bażi ta' kull siegħa, fuq bażi ta' kull siegħa.

L-ammonti msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), għandhom ikunu pagabbli bis-sħiħ flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ma' kwalunkwe ammont ieħor dovut fid-data li fiha jsir effettiv iċ-ċediment.

2. Meta ċertifikat jiġi ttrasferit, it-tariffi msemmijin fil-Parti I, it-Tabelli 8 sa 22, tal-Anness, għandhom ikunu pagabbli mid-detentur taċ-ċertifikat il-ġdid miċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jsegwi d-data li fiha t-trasferiment isir effettiv.

3. Fil-każijiet imsemmijin fil-Parti I, it-Tabella 14, tal-Anness, it-tariffa tas-sorveljanza tal-apparat fir-rigward ta' apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir għandha titnaqqas *pro rata temporis* għal kwalunkwe perjodu li matulu l-apparat jiġi diżattivat, dment li d-diżattivazzjoni tkun inbdiet fuq talba tal-applikant.

Artikolu 13

Kompiti ta' ċertifikazzjoni fuq bażi eċċezzjonali

Għandu jiġi applikat aġġustament eċċezzjonali għat-tariffa applikata, sabiex jiġu koperti l-kostijiet kollha mġarrba mill-Aġenzija għal kompitu ta' ċertifikazzjoni partikolari, meta t-twettiq ta' dak il-kompitu jkun jirrikjedi l-assenjazzjoni ta' kategoriji jew numru ta' membri tal-persunal, jew it-tnejn, li l-Aġenzija normalment ma tassenjax skont il-proċeduri standard tagħha.

KAPITOLU III

IMPOSTI

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-ħlas tal-imposti

1. L-ammont tal-imposti applikati mill-Aġenzija f'konformità mal-Parti II tal-Anness għandu jiġi fatturat bir-rata fis-seħħ applikabbli.

2. L-imposti għall-forniment tas-servizzi ta' taħriġ għandhom jiġu applikati f'konformità mal-Parti IIa tal-Anness.

Artikolu 15

Żmien tal-applikazzjoni tal-imposti u perjodi ta' fatturazzjoni

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Aġenzija, wara kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji finanzjarji, l-imposti għandhom jiġu applikati qabel ma jiġi pprovdut is-servizz.

2. L-imposti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 6, il-punt (1), tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni. Għall-perjodu wara ċ-ċiklu ta' fatturazzjoni, l-imposti għandhom ikunu 1/365 tal-imposta annwali rilevanti għal kull jum.

3. L-imposti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 5 u t-Tabella 6, il-punt (2), tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni.

4. L-imposti għall-ħruġ tat-tikketta ambjentali msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 23, tal-Anness, għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni. L-imposti tat-tiġdid imsemmijin fil-Parti I, it-Tabella 23, tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni.

5. L-imposti għall-Pjattaforma Data4Safety imsemmijin fil-Parti I, it-Tabella 24, tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni. L-aċċess għall-Pjattaforma Data4Safety għandu jiġġedded awtomatikament sakemm l-applikant ma jinnotifikax lill-Aġenzija mill-inqas 90 jum qabel tmiem il-perjodu tal-abbonament.

6. Meta r-riklassifikazzjoni ta' applikazzjoni twassal għal bidla fl-imposta applikabbli, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid kif xieraq b'effett mid-data li fiha tasal l-applikazzjoni.

Artikolu 16

Rifjut tal-applikazzjonijiet, terminazzjoni u interruzzjoni tat-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjonijiet

1. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat jew interrott, l-imposti applikabbli flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati u kwalunkwe ammont dovut ieħor għandhom ikunu pagabbli bis-sħiħ fiż-żmien li fih l-Aġenzija tieqaf twettaq il-kompitu, filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għall-imposti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 6, il-punt (1) u t-Tabella 23, tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej għandu jkun 1/365 tal-imposta annwali rilevanti għal kull jum, filwaqt li għall-perjodi ta' qabel iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej, l-imposti applikabbli għandhom jibqgħu dovuti;

(b) għall-imposti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 5 u t-Tabella 6, il-punt (2), tal-Anness, u għall-imposti fissi msemmijin fil-Parti II tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jkun 50 % tal-imposta applikabbli;

(c) għall-imposti msemmijin fil-Parti I, it-Tabella 24, tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni u għal kull ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għadu għaddej għandu jkun l-ammont sħiħ;

(d) għall-imposti msemmijin fil-Parti II tal-Anness, applikati fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa;

(e) għal kwalunkwe imposta mhux imsemmija fil-punti (a) sa (d), il-bilanċ dovut għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kull siegħa, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor bejn l-applikant u l-Aġenzija.

3. Meta interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni ssir effettiva fl-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, l-imposti għal dak iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni ma għandhomx jiġu rrimborżati. Meta tali interruzzjoni ssir effettiva wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (a). Meta, wara interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni, l-Aġenzija tissokta bit-twettiq ta' dak il-kompitu, awtomatikament wara li jiskadi l-perjodu ta' interruzzjoni magħżul mill-applikant jew aktar kmieni fuq talba tal-applikant, l-Aġenzija għandha tapplika imposta ġdida, irrispettivament mill-imposti li diġà jkunu tħallsu għall-kompitu interrott.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu,

(a) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data li fiha tasal it-talba;

(b) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq inizjattiva tal-Aġenzija għandha titqies effettiva fid-data li fiha d-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tiġi kkomunikata lill-applikant;

(c) l-interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data indikata mill-applikant, iżda mhux qabel id-data li fiha t-talba tasal għand l-Aġenzija.

5. L-imposti mħallsin għal kompitu relatat ma' applikazzjoni, li t-twettiq tiegħu jkun ġie tterminat, ma għandhomx jitqiesu għal kwalunkwe kompitu sussegwenti, anke jekk dak il-kompitu jkun tal-istess natura bħall-kompitu tterminat.

KAPITOLU IV

APPELLI

Artikolu 17

Proċessar tal-appelli

1. L-imposti għandhom jiġu applikati għall-ipproċessar tal-appelli mressqa skont l-Artikolu 108 tar-Regolament (UE) 2018/1139. L-ammonti tal-imposti għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-metodu stabbilit fil-Parti III tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Appell għandu jkun ammissibbli biss meta l-imposta għall-appell tkun tħallset fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Persuna ġuridika li tressaq appell għandha tissottometti lill-Aġenzija ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat li jispeċifika l-fatturat tal-appellant. Dak iċ-ċertifikat għandu jiġi sottomess lill-Aġenzija flimkien mal-appell.

3. L-imposti tal-appell għandhom jitħallsu f'konformità mal-proċedura applikabbli stabbilita mill-Aġenzija fi żmien 60 jum kalendarju mid-data li fiha l-appell ikun ġie ppreżentat lill-Aġenzija.

4. Jekk l-appell jiġi konkluż favur l-appellant, l-imposti tal-appell imħallsin għandhom jiġu rrimborżati mill-Aġenzija.

KAPITOLU V

PROĊEDURI TAL-AĠENZIJA

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Aġenzija għandha tiddistingwi bejn id-dħul u l-infiq attribwibbli għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqin u s-servizzi pprovduti minn naħa waħda, u d-dħul u n-nefqa attribwibbli għall-attivitajiet iffinanzjati permezz ta' sorsi ta' dħul oħrajn, min-naħa l-oħra.

Għal dak il-fini:

(a) it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija għandhom jinżammu f'kont separat u għandhom ikunu soġġetti għal proċedura kontabilistika separata;

(b) l-Aġenzija għandha tfassal u tuża l-kontabbiltà analitika għad-dħul u l-infiq tagħha.

Artikolu 19

Evalwazzjoni u reviżjoni

1. Kull sena, l-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Korp Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 98(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139, informazzjoni dwar il-komponenti li jservu bħala bażi biex jiġi ddeterminat il-livell tat-tariffi. Dik l-informazzjoni għandha tikkonsisti b'mod partikolari f'diżaggregazzjoni tal-kostijiet relatati mas-snin preċedenti u ma' dawk li jmiss.

2. L-Aġenzija għandha tevalwa perjodikament, u għall-ewwel darba sentejn wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, l-Anness, bl-għan li tivverifika jekk l-informazzjoni sinifikanti relatata mas-suppożizzjonijiet sottostanti għad-dħul u l-infiq antiċipati tal-Aġenzija hijiex debitament riflessa fl-ammonti tat-tariffi jew tal-imposti applikati mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tipproponi lill-Kummissjoni bidliet fit-tariffi u fl-imposti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għal dan.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 20

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fil-Parti VII tal-Anness.

Artikolu 21

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. It-tariffi u l-imposti għaċ-ċikli ta' fatturazzjoni li jkunu għadhom għaddejjin fl-1 ta' Jannar 2026 għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153 fil-verżjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2025.

2. Ir-rati fis-siegħa stabbiliti fil-Parti II tal-Anness għandhom japplikaw għal kwalunkwe kompitu li jkun għadu għaddej fl-1 ta' Jannar 2026 li għalih it-tariffi jew l-imposti jiġu kkalkulati fuq bażi ta' kull siegħa.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/373/oj).

	Daqs tal-Organizzazzjonijiet		
	Żgħar	Medji	Kbar
Tariffa tal-approvazzjoni (EUR)			
Komunikazzjoni (K)	138 000	212 000	310 000
Navigazzjoni (N)	138 000	212 000	310 000
Sorveljanza (S)	138 000	212 000	310 000
Servizzi Meteoroloġiċi (MET, Meteorological Services)	83 000	122 000	174 000
Tariffa tas-sorveljanza (EUR) ([1])			
Servizzi tad-Data (DAT) tat-Tip 1 jew tat-Tip 2	39 000	45 000	55 000
Servizzi tad-Data (DAT) tat-Tip 1 u tat-Tip 2	45 000	59 000	78 000
Funzjonijiet tan-Network (NF) tal-ATM	—	—	279 000
Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIS)	59 000	87 000	124 000
Tfassil ta' Proċedura tat-Titjir (FPD)	30 000	44 000	62 000
Komunikazzjoni (K)	69 000	106 000	155 000
Navigazzjoni (N)	69 000	106 000	155 000
Sorveljanza (S)	69 000	106 000	155 000
Servizzi Meteoroloġiċi (MET)	59 000	87 000	124 000

([1]) Il-bidliet li huma parti mill-ambitu ta' servizzi diġà ċċertifikati huma inklużi fit-tariffa tas-sorveljanza.

Tabella 22

Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tad-Disinn jew tal-Produzzjoni tal-ATM/ANS

(imsemmija fl-Ambitu tas-Servizz f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769 ([8]))

Daqs tal-Organizzazzjonijiet	Tariffa tal-approvazzjoni (EUR)	Tariffa tas-sorveljanza ([1]) (EUR)
Żgħar	30 380	27 280
Sempliċi	114 080	98 270
Standard	164 300	145 080
Kumplessi	254 520	225 690

([1]) Il-bidliet li huma parti mill-ambitu ta' organizzazzjoni diġà ċċertifikata huma inklużi fit-tariffa tas-sorveljanza.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1769 tat-12 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet involuti fid-disinn jew fil-produzzjoni tas-sistemi u tal-kostitwenti tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/203 (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1769/oj).

Tabella 23

Skema ta' tikkettar ambjentali (ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [9])

	Tariffa għal kull tikketta (EUR)
Imposta tal-ħruġ [1] [2]	90
Imposta tat-tiġdid [2] [3]	60

[1] L-imposta tal-ħruġ għandha tapplika għad-detentur tal-AOC uniku li jkun beħsiebu jissottometti d-data għall-ħruġ inizjali ta' tikketti ambjentali jew għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li qabel kellhom tikketti u l-aktar tikketta reċenti maħruġa tkun ilha invalida għal aktar minn 12-il xahar.

[2] L-imposti tal-ħruġ u tat-tiġdid għandhom jiġu applikati sa massimu ta' 7 000 tikketta għal kull AOC uniku. Ma għandu jintalab ħlas għall-ebda tariffa mit-tikketta 7 001 'il quddiem.

[3] L-imposta tat-tiġdid għandha tapplika għad-detentur tal-AOC uniku li jkollu tikketti approvati (validi fl-aħħar 12-il xahar) u li jkunjeħtieġ li jinħarġu tikketti ġodda f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/2405, jew meta t-tikketti jkunu nħarġu iżda ma jkunux validi għar-rilaxx pubbliku.

Tabella 24

Pjattaforma Data4Safety (D4S)

Servizz biex jiġi pprovdut aċċess għall-intelligence dwar l-avjazzjoni u l-analitika dwar is-settur tal-avjazzjoni Ewropew

	Livell ta' servizz	
	Bażiku	Avvanzat
Imposta tal-abbonament għal Membru tad-D4S (EUR) [1]	—	50 000
Mhux membru tad-D4S — Imposta tal-abbonament għal Sieħeb tal-UE (EUR)	50 000	100 000
Mhux membru tad-D4S — Imposta tal-abbonament għal Sieħeb mhux tal-UE (EUR)	75 000	150 000

[1] Għas-sħubija f'organizzazzjonijiet li huma parti mill-programm tad-D4S.

PARTI II

Kompiti jew servizzi ta' ċertifikazzjoni li għalihom jintalab ħlas fuq bażi ta' kull siegħa

Rata fis-siegħa

Rata fis-siegħa applikabbli (EUR/h)	347

Rata fis-siegħa skont il-kompiti kkonċernati [10]:

Produzzjoni mingħajr approvazzjoni	Numru reali ta' sigħat
Trasferiment taċ-ċertifikati	Numru reali ta' sigħat
Bidliet fiċ-ċertifikat tal-Organizzazzjoni tat-Taħriġ Approvata mhux koperti mit-tariffa tas-sorveljanza	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikat ta' Ċentru Ajrumediku	Numru reali ta' sigħat

[9] Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal transport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj).

[10] Il-lista ta' kompiti mhijiex eżawrjenti u hija soġġetta għal reviżjoni perjodika. In-nuqqas ta' inklużjoni ta' kompitu fil-lista ma għandux jiġi interpretat awtomatikament bħala li jindika li dak il-kompitu ma jistax jitwettaq mill-Aġenzija.

Servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru transfruntiera (ATS, ATFM, ASM, CNS, MET)	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikazzjoni tat-tagħmir tal-ATM/ANS	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikazzjoni tat-tagħmir tal-ajrudrom	Numru reali ta' sigħat
Dikjarazzjoni tat-tagħmir tal-ajrudrom	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikat ta' Organizzazzjoni tat-Taħriġ tal-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru	Numru reali ta' sigħat
Aċċettazzjoni tar-Rapporti mill-Bord tal-Evalwazzjoni Operazzjonali	Numru reali ta' sigħat
Appoġġ taċ-Ċertifikazzjoni għall-Validazzjoni: Servizz individwali	Numru reali ta' sigħat
Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir: Attivitajiet speċjali oħrajn	Numru reali ta' sigħat
Bidliet fil-Proċeduri Alternattivi għall-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tad-Disinn	Numru reali ta' sigħat
Approvazzjoni inizjali tal-Programm ta' Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikat tal-organizzazzjoni ta' Fornituri tas-Servizzi tal-U-space (USSP, U-Space Service Providers)	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikat ta' operaturi ta' UAS ħafifa (LUC, light UAS operator certificate)	Numru reali ta' sigħat
Verifika tad-disinn għall-UAS imħaddma fil-kategorija "speċifiċi"	Numru reali ta' sigħat
UAS imħaddma fiċ-ċertifikazzjoni tal-kategorija "ċertifikata"	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru b'kapaċità VTOL (VCA)	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikazzjoni tal-magni elettriċi u ċertifikazzjoni tas-Sistema ta' Propulsjoni Elettrika u Ibrida (EHPS, Electric and Hybrid Propulsion System)	Numru reali ta' sigħat
Attivitajiet tal-ajrunavigabbiltà kontinwa relatati maċ-Ċertifikati tat-Tip Supplimentari	Numru reali ta' sigħat
Preregistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn	Numru reali ta' sigħat
Servizzi ta' Innovazzjoni	Numru reali ta' sigħat
Approvazzjoni ta' Korsijiet ta' Taħriġ skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2018/1139	Numru reali ta' sigħat
Ċertifikat tal-esportazzjoni għall-ajrunavigabbiltà (E-CoA, Export certificate of airworthiness) għall-inġenji tal-ajru CS-25	6 sigħat
Ċertifikat ta' esportazzjoni għall-ajrunavigabbiltà (E-CoA) għal inġenji tal-ajru oħrajn	Sagħtejn
Mezz Alternattiv għall-Konformità mal-AD (AMOC, Alternative Method of Compliance)	4 sigħat
Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir għall-Permess għat-Titjir	3 sigħat
Numru tas-serje wieħed ta' STC bażika	Sagħtejn
~~Ħruġ~~ mill-ġdid amministrattiv ta' dokument mingħajr involviment tekniku	Siegħa
Kontroll tal-Kapaċità	Siegħa
Dikjarazzjoni tal-Kapaċità tad-Disinn (applikazzjoni għal Organizzazzjoni tad-Disinn Iddikjarata)	3 sigħat
Dikjarazzjoni tat-tagħmir tal-ATM/ANS	3 sigħat

PARTI IIa

Imposti għall-forniment ta' servizzi tat-taħriġ

A. **Servizzi ta' Taħriġ soġġetti għal imposti**

1. Soġġett għall-punt B, l-imposti għas-servizzi ta' taħriġ mogħtija mill-persunal tal-Aġenzija fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom għandhom jiġu applikati kif ġej:
   (a) għat-taħriġ fil-klassi, internament jew fuq il-post, u għat-taħriġ online, f'konformità mal-ammonti korrispondenti stabbiliti fl-Appendiċi;
   (b) għal tipi oħrajn ta' servizzi ta' taħriġ jew talbiet relatati, f'konformità mar-rata fis-seħħ stabbilita fil-Parti II ta' dan l-Anness.
2. Is-servizzi ta' taħriġ fil-klassi mogħtija minn forniturі ta' servizzi ta' taħriġ ikkuntrattati, internament jew fuq il-post, għandu jintalab ħlas għalihom fuq il-bażi tal-kost totali ta' kull kors diviż bid-daqs medju tal-klassi.
3. Għal servizzi ta' taħriġ barra mill-bini tal-Aġenzija, meta l-organizzazzjoni li titlob it-taħriġ ma tipprovdix faċilitajiet ta' taħriġ xierqa, għandhom jiġu imposti kostijiet diretti assoċjati.

B. **Eżenzjoni mill-imposti previsti fl-Appendiċi**

L-Aġenzija tista' tagħti eżenzjoni mill-imposti previsti fl-Appendiċi għal servizzi ta' taħriġ mogħtija lil:
   (a) l-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajn, meta jiġi żgurat li dawn jipprovdu servizzi ta' taħriġ ta' benefiċċju ekwivalenti għall-Aġenzija;
   (b) l-universitajiet pubbliċi jew privati jew organizzazzjonijiet simili, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
      — is-servizzi tat-taħriġ huma parti minn programm ta' studju li jwassal għal kwalifika tal-ewwel grad jew ta' wara l-ewwel grad f'dixxiplina relatata mal-avjazzjoni;
      — il-programm ta' studju għandu tul ta' żmien minimu ta' sena akkademika waħda;
      — l-iskop jew l-effett ewlieni tal-programm mhuwiex li jipprovdi taħriġ inizjali jew kontinwu għall-professjonisti fl-avjazzjoni jew f'oqsma relatati;
   (c) il-persuni li jappoġġaw l-attivitajiet tal-Aġenzija jew li jipparteċipaw fihom u li jeħtieġu t-taħriġ biex jiżguraw l-għarfien tal-proċessi tal-Aġenzija u għodod speċjalizzati relatati ma' dawk l-attivitajiet.

Appendiċi tal-Parti IIa

Taħriġ fil-klassi	Tul ta' żmien tat-taħriġ, f'jiem							
	0,5	1	1,5	2	2,5	3	4	5
Imposta għat-taħriġ individwali (EUR/jum)	620	1 000	1 300	1 530	1 770	2 000	2 420	2 810
Imposta għal sessjoni (EUR/jum)	4 910	8 000	10 390	12 210	14 180	16 010	19 380	22 460

Taħriġ online	Tul ta' żmien tat-taħriġ, f'sigħat							
	1	2	3	4	5	6	7	8
Imposta għat-taħriġ individwali (EUR/siegħa)	70	140	210	280	350	420	490	560

PARTI III

Imposti għall-appelli

L-imposti għall-appelli għandhom jiġu kkalkolati kif ġej: l-imposta fissa għandha tiġi mmultiplikata bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija tal-imposti korrispondenti għall-persuna jew l-organizzazzjoni inkwistjoni.

Imposta fissa	10 000 (EUR)
Kategorija ta' imposti għall-persuni fiżiċi	Koeffiċjent
	0,10

Kategorija ta' imposti għall-persuni ġuridiċi, skont il-fatturat finanzjarju tal-appellant (f'EUR)	Koeffiċjent
Inqas minn 100 001	0,25
Bejn 100 001 u 1 200 000	0,50
Bejn 1 200 001 u 2 500 000	0,75
Bejn 2 500 001 u 5 000 000	1,00
Bejn 5 000 001 u 50 000 000	2,50
Bejn 50 000 001 u 500 000 000	5,00
Bejn 500 000 001 u 1 000 000 000	7,50
Aktar minn 1 000 000 000	10,00

PARTI IV

Rata ta' inflazzjoni annwali

Ir-rata ta' inflazzjoni annwali li trid tintuża:	"Eurostat HICP (L-entrati kollha) — il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea" (2015 = 100) Bidla perċentwali/medja ta' 12-il xahar
Il-valur tar-rata li trid titqies:	Il-valur tar-rata 3 xhur qabel l-implimentazzjoni tal-indiċjar

PARTI V

Nota ta' Spjegazzjoni

(1) Għall-inġenji tal-ajru ta' prestazzjoni għolja fil-kategorija tal-piż sa 5 700 kg kif definit fl-Artikolu 2(16) għandu jintalab ħlas ta' kategorija waħda ogħla mill-kategorija ddeterminata mill-Piż Massimu tal-Qtugħ mill-Art (MTOW) tagħhom, iżda li ma taqbiżx il-kategorija "aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg".

(2) Fil-Parti I, it-Tabelli 1 sa 4 u 8, ta' dan l-Anness, il-valuri tal-"Parts u Tagħmir Mhux Installat" jirreferu għal-lista ta' prezzijiet tal-manifattur rilevanti.

(3) Għat-tariffi applikati f'konformità mal-Parti I, it-Tabelli 2, 3, 4 u 8, ta' dan l-Anness, il-kategorija tat-tariffi applikabbli għal kull applikazzjoni għandha tiġi ddeterminata mill-kategorija tat-tariffi assenjata lid-disinn tat-tip relatat. Meta jiġu ċċertifikati aktar minn mudell wieħed taħt disinn ta' tip wieħed, il-kategorija tat-tariffi tal-maġġoranza ta' dawn il-mudelli hija applikabbli. Fil-każ ta' distribuzzjoni ugwali tal-kategorija tat-tariffi, tapplika l-kategorija tal-ogħla tariffa. Għal applikazzjonijiet relatati ma' diversi disinji tat-tip, il-kategorija tal-ogħla tariffa hija applikabbli.

(4) Jekk applikazzjoni tinkludi l-kunċett tal-istabbiliment ta' Lista ta' Mudelli Approvati (AML, Approved Model List), għandha tapplika t-tariffa korrispondenti li tiżdied b'20 %. Għar-reviżjoni ta' lista ta' mudelli approvati, għandhom japplikaw it-tariffi elenkati fil-Parti I, it-Tabelli 2, 3 u 4 ta' dan l-Anness. Il-kunċett ta' Lista ta' Mudelli Approvati jirreferi għall-mudelli ċċertifikati skont disinji tat-tip differenti.

(5) Fil-Parti I, it-Tabelli 2 u 3, ta' dan l-Anness, "Sempliċi", "Standard", "Sinifikanti" u "Kumpless Sinifikanti" jirreferu għal dawn li ġejjin:

	Sempliċi	Standard	Sinifikanti	Kumpless Sinifikanti
Tip Supplimentari tal-EASA Ċertifikat (STC, Supplemental Type Certificate) Bidliet maġġuri fid-disinn tal-EASA	STC, bidla maġġuri fid-disinn, jew tiswija, li tinvolvi biss metodi ta' ġustifikazzjoni attwali u li diġà ngħataw provi tajba dwar l-affidabbiltà tagħhom, li għalihom hemm ġabra sħiħa ta' data (deskrizzjoni, lista ta' kontrolli tal-konformità u dokumenti ta' konformità) li tista' tiġi kkomunikata fil-ħin tal-applikazzjoni, u li għaliha l-applikant ikun wera esperjenza, u li tkun tista' tiġi vvalutata biss mill-maniġer taċ-ċertifikazzjoni tal-proġett, jew inkella b'involviment limitat ta' speċjalista f'dixxiplina unika	L-STCs l-oħrajn kollha, bidliet maġġuri fid-disinn jew tiswijiet	"Sinifikanti" hija definita fil-punt 21.A.101(b) tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 (u bl-istess mod fl-FAA 14CFR 21.101(b)).	"Bidla Kumplessa Sinifikanti" hija kwalunkwe bidla sinifikanti (ara l-punt 21.A.101 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012) li tinvolvi mill-inqas żewġ raġunijiet li jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni tagħha bħala sinifikanti (eżempji ta' kriterji skont il-punt 21.A.101 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012: bidla fil-konfigurazzjoni ġenerali, bidla fil-prinċipji tal-kostruzzjoni, is-suppożizzjonijiet użati għaċ-ċertifikazzjoni ġew invalidati) jew kwalunkwe bidla sinifikanti li tinvolvi żewġ eżempji jew aktar deskritti bħala bidla sinifikanti (il-kolonna "Deskrizzjoni tal-bidla" tat-Tabelli fl-Appendiċi A ta' GM 21.A.101 tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012). Jekk ikun ġustifikat minn ċirkostanzi tekniċi eċċezzjonali, l-Aġenzija tista' tikklassifika mill-ġdid applikazzjoni sinifikanti kumplessa għal sinifikanti (eż. STCs tal-Konverżjoni ta' Inġenji tal-Ajru tal-Merkanzija għal Ingenji tal-Ajru tal-Passiġġieri).
Tiswijiet maġġuri tal-EASA			m/a	m/a

(6) Fil-Parti I, it-Tabella 5, ta' dan l-Anness "Żgħar" tirreferi għall-applikazzjonijiet li jiġu ttrattati mingħajr involviment tekniku, "Kbar" tirreferi għall-appoġġ għall-validazzjoni applikabbli għal Ajruplani kbar, Inġenji tal-Ajru bir-Rotors Kbar u Magni bit-Turbini, "Medji" tirreferi għall-appoġġ għall-validazzjoni applikabbli għal kategoriji ta' prodotti oħrajn, kif ukoll għal parts u tagħmir mhux installat. Il-ħlas għall-assistenza teknika/appoġġ tekniku relatat mal-attivitajiet ta' sejba ta' konformità u l-appoġġ għall-validazzjoni, għandu jintalab bħala servizz individwali jekk l-Aġenzija tikkonferma li l-isforz meħtieġ jaqbeż b'mod sinifikanti l-pakketti ta' servizzi definiti minn qabel.

(7) Fil-Parti I, it-Tabella 7 A, ta' dan l-Anness, it-TCOs huma kklassifikati fil-kategorija "Ħafifa" jekk il-kapaċità tal-akbar inġenju tal-ajru tkun 19-il passiġġier jew inqas u l-MTOM tal-itqal inġenju tal-ajru fuq l-Awtorizzazzjoni tat-TCO tkun inqas minn 55 000 kg. It-TCOs huma kklassifikati fil-kategorija "Tqila" jekk il-kapaċità tal-akbar inġenju tal-ajru tkun aktar minn 19-il passiġġier jew jekk l-MTOM tal-itqal inġenju tal-ajru fuq l-Awtorizzazzjoni tat-TCO tkun ta' 55 000 kg jew aktar. TCOs li joperaw VTOL jitqiesu li jagħmlu parti mill-kategorija "Ħafifa".

(8) Fil-Parti I, it-Tabella 9 A, ta' dan l-Anness, l-Organizzazzjonijiet tad-Disinn huma kkategorizzati kif ġej:

L-Ambitu tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tad-Disinn	Grupp A	Grupp B	Grupp C
DOA 1 Detenturi ta' ċertifikati tat-tip ETSOA-APU	Kumplessi ħafna/Kbar	Kumplessi/Żgħar-Medji	Inqas kumplessi/Żgħar ħafna
DOA 2 STC/Bidliet/ Tiswijiet/ ETSOA (minbarra l-APU)	Mhux ristretti	Ristretti (oqsma tekniċi)	Ristretti (daqs tal-inġenju tal-ajru)
	Kumplessi ħafna/Kbar	Kumplessi/Żgħar-Medji	Inqas kumplessi/Żgħar ħafna
DOA 3 Bidliet/Tiswijiet Minuri	Mhux ristretti	Ristretti (oqsma tekniċi)	Ristretti (daqs tal-inġenju tal-ajru)

(9) Dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Anness Ib (Parti 21 Light) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012:

Għall-proċess tal-Parti 21 Light Iċċertifikat:

— Fil-Parti I, it-Tabelli 1, 2 u 3, ta' dan l-Anness, jekk applikazzjoni taqa' fil-Parti 21 Light Iċċertifikat, għandhom japplikaw it-tariffi korrispondenti.

— Fil-Parti I, it-Tabella 4, ta' dan l-Anness, jekk applikazzjoni taqa' fil-Parti 21 Light Iċċertifikat, għandha tapplika t-tariffa korrispondenti mnaqqsa b'50 %.

— Fil-Parti I, it-Tabella 8, ta' dan l-Anness, il-kategorija tat-tariffi applikabbli għandha tiġi ddeterminata mill-kategorija tat-tariffi assenjata lid-disinn tat-tip relatat. Fil-każ ta' inġenji tal-ajru ddefiniti bħala "Ġiroplani", għandha tapplika t-tariffa korrispondenti mnaqqsa b'50 %.

Għall-proċess tal-Parti 21 Light Iddikjarat:

— Fil-Parti I, it-Tabella 1, ta' dan l-Anness, jekk issir applikazzjoni għad-Dikjarazzjoni tal-Konformità tad-Disinn, għandha tapplika t-tariffa korrispondenti mnaqqsa b'50 %.

— Fil-Parti I, it-Tabella 3, ta' dan l-Anness, jekk applikazzjoni taqa' fil-proċess tal-Parti 21 Light Iddikjarat, għandha tapplika t-tariffa korrispondenti mnaqqsa b'50 %.

— Fil-Parti I, it-Tabella 8, ta' dan l-Anness, il-kategorija tat-tariffi applikabbli għandha tiġi ddeterminata mill-kategorija tat-tariffi assenjata lid-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-inġenju tal-ajru.

Għall-Organizzazzjonijiet tad-Disinn Iddikjarati:

— Fil-Parti I, it-Tabella 9 A, ta' dan l-Anness, tariffa tas-sorveljanza, għall-Organizzazzjonijiet tad-Disinn Iddikjarati, għandha tapplika t-tariffa korrispondenti mnaqqsa b'50 %.

Għall-Organizzazzjonijiet tal-Produzzjoni Iddikjarati:

— Fil-Parti I, it-Tabella 10, ta' dan l-Anness, għall-Organizzazzjonijiet tal-Produzzjoni Iddikjarati, għandhom japplikaw it-tariffi korrispondenti tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza.

(10) Fil-Parti I, it-Tabelli 9 A, 10, 11, 12, 18, 21 u 22, ta' dan l-Anness, in-numru ta' membri tal-persunal meqjus huwa n-numru ta' membri tal-persunal relatati mal-attivitajiet fl-ambitu tal-approvazzjoni.

(11) Fil-Parti I, it-Tabella 14, ta' dan l-Anness, "lok" huwa l-post (jew il-postijiet) fejn jiġu ġestiti jew jitwettqu l-attivitajiet tal-organizzazzjoni.

Għal din il-fini:

— il-post prinċipali tan-negozju (PPoB, principal place of business) jitqies bħala lok, irrispettivament minn kwalunkwe operazzjoni tal-FSTD;

— kwalunkwe indirizz, differenti mill-PPoB fejn jitħaddmu l-FSTDs jitqies bħala lok addizzjonali jekk jinħatar uffiċjal għall-konformità f'dan il-lok.

Biex issir estensjoni għal lok, jiġifieri meta lok ikun f'distanza xierqa minn lok li jippermetti lill-maniġment jiżgura l-konformità mingħajr il-ħtieġa li jinnomina persuni addizzjonali, ma tintalab l-ebda tariffa tas-sorveljanza addizzjonali.

Minħabba li kull organizzazzjoni hija unika, għandha ssir analiżi mfassla apposta biex tiġi vvalutata l-kumplessità tal-organizzazzjoni li tqis in-numru ta' impjegati, id-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni, inkluż in-numru ta' FSTDs, il-livelli tagħhom u n-numru tat-tip ta' inġenju tal-ajru simulat.

EEP 2: Il-perjodu ta' 12-il xahar jiġi estiż sa massimu ta' 24 xahar f'konformità mal-punt ORA.FSTD.225 tal-Anness VII (Parti-ORA) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

EEP 3: Il-perjodu ta' 12-il xahar jiġi estiż sa massimu ta' 36 xahar f'konformità mal-punt ORA.FSTD.225 tal-Anness VII (Parti-ORA) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

(12) Fil-Parti I, it-Tabelli 16 A, 17 A, 19 A u 20 A, ta' dan l-Anness, it-tħejjija tat-trasferiment hija applikabbli meta r-responsabbiltà għal organizzazzjoni li diġà għandha ċertifikat tiġi allokata mill-ġdid lill-Aġenzija skont l-Artikolu 64 jew 65 tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(13) Fil-Parti I, it-Tabella 19C, ta' dan l-Anness, għandu japplika tnaqqis ta' 25 % għal kwalunkwe AOC flimkien mal-AOC ewlieni fi ħdan ir-raggruppament tan-negozju uniku, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

— manwali tal-operazzjonijiet ekwivalenti inklużi programmi ta' taħriġ u approvazzjonijiet speċjali;

— Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza (SMS, Safety Management System) integrata u Funzjoni ta' Monitoraġġ tal-Konformità (CMF, Compliance Monitoring Function).

L-AOC ewlieni huwa dak fi ħdan il-grupp li għalih tapplika l-ogħla tariffa tas-sorveljanza.

(14) Fil-Parti I, it-Tabella 19D, ta' dan l-Anness, il-bidliet huma kklassifikati fit-tabella ta' hawn taħt.

Bidliet	Klassifikazzjoni
Żieda ta' inġenju tal-ajru wieħed b'kapaċità HTOL/VTOL/VTOL ma' flotta eżistenti (tip)	Żgħar
Reviżjonijiet temporanji li jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel tal-Manwal tal-Operazzjonijiet (Parti-A, Parti-B, Parti-C, Parti-D, Lista ta' Tagħmir Minimu), Manwal tal-Konformità, Manwal tas-Sikurezza jew manwali oħrajn	Żgħar
Kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Unjoni	Żgħar
Bidla/approvazzjoni ta' persuna nominata waħda	Żgħar
Flotta ġdida (tip) — HTOL sa 5 700 kg	Żgħar
Flotta ġdida (tip) — VTOL Żgħir	Żgħar
Flotta ġdida (tip) — HTOL aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	Medji
Flotta ġdida (tip) — VTOL Medju	Medji
Flotta ġdida (tip) — inġenji tal-ajru b'kapaċità VTOL	Medji
Reviżjoni manwali tal-Manwal tal-Operazzjonijiet (Parti-A jew Parti-D)	Medji
Reviżjoni manwali jew ħruġ mill-ġdid tal-Manwal tal-Operazzjonijiet (Parti-B, Parti-C jew Lista ta' Tagħmir Minimu), Manwal tal-Konformità, Manwal tas-Sikurezza jew manwali oħrajn	Medji
Valutazzjoni tar-riskju iżolata jew ġestjoni tal-bidliet (eż. operazzjonijiet f'żoni ta' kunflitt, bidliet organizzattivi, parteċipazzjoni fl-airshow)	Medji
Tneħħija ta' approvazzjoni speċifika inklużi reviżjonijiet assoċjati ta' manwali rilevanti	Medji
Kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru mhux irreġistrati fl-Unjoni	Medji

Bidliet	Klassifikazzjoni
Ħruġ mill-ġdid tal-Manwal tal-Operazzjonijiet (Parti-A jew Parti-D)	Kbar
Żieda ta' approvazzjoni speċifika waħda dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet (ħlief Navigazzjoni Bbażata fuq il-Prestazzjoni, Taħriġ Ibbażat fuq l-Evidenza, Operazzjonijiet b'firxa Estiża b'ajruplani b'żewġ magni, u Electronic Flight Bags)	Kbar
Kiri bl-ekwipaġġ ta' inġenju tal-ajru wieħed mhux irreġistrat fl-Unjoni	Kbar
Flotta ġdida (tip) — HTOL aktar minn 22 000 kg sa 55 000 kg	Kbar
Flotta ġdida (tip) — VTOL Kbir	Kbar
Żieda ta' approvazzjoni speċifika waħda dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet (Navigazzjoni Bbażata fuq il-Prestazzjoni, Taħriġ Ibbażat fuq l-Evidenza, Operazzjonijiet b'firxa Estiża b'ajruplani b'żewġ magni, u Electronic Flight Bags)	Sinifikanti
Flotta ġdida (tip) — HTOL aktar minn 55 000 kg	Sinifikanti

It-tariffi għal bidliet identiċi li jaffettwaw diversi AOCs fi ħdan ir-raggruppament tan-negozju uniku għandhom jiġu applikati darba biss, dment li jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fil-punt 13.

Ma għandha tiġi applikata l-ebda tariffa għat-trasferimenti ta' inġenji tal-ajru individwali b'kapaċità HTOL/VTOL/VTOL fl-istess flotta (tip) bejn diversi AOCs fi ħdan ir-raggruppament tan-negozju uniku, dment li jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fil-punt 13.

(15) Fil-Parti I, it-Tabella 20B, ta' dan l-Anness, l-organizzazzjonijiet huma raggruppati skont it-tabella li ġejja. Għal kull wieħed mill-kriterji, l-ATO għandha tidentifika l-grupp li jikkorrispondi għall-istatus tal-organizzazzjoni. Il-kategorizzazzjoni tal-kriterju bl-ogħla klassifikazzjoni tiddetermina t-tariffa applikabbli.

Kriterji\Grupp	I	II	III	IV	V	VI
Il-persunal tal-ATO espress f'Ekwivalenti għall-Full-Time (FTE, Full Time Equivalent)	massimu ta' 20	massimu ta' 20	aktar minn 20	aktar minn 20	aktar minn 20	aktar minn 20
Liċenzji	ATPL TK (A) jew ATPL TK (H)	LAPL/PPL (A) jew (H) SPL BPL	LAPL/PPL (A) jew (H) SPL BPL CPL ATPL	LAPL/PPL (A) jew (H) SPL BPL CPL ATPL MPL	LAPL/PPL (A) jew (H) SPL BPL CPL ATPL MPL	LAPL/PPL (A) jew (H) SPL BPL CPL ATPL MPL
Klassifikazzjonijiet tal-Klassi/tat-Tip [1] [2]	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	Klassifikazzjoni tal-Klassi, Klassifikazzjoni tat-Tip li tinkludi taħriġ dwar id-differenzi MASSIMU ta' żewġ klassifikazzjonijiet b'kollox (MCC, jingħadd bħala klassifikazzjoni ta' 1)	Klassifikazzjoni tal-Klassi, Klassifikazzjoni tat-Tip li tinkludi taħriġ dwar id-differenzi MASSIMU ta' tmien klassifikazzjonijiet b'kollox (MCC, jingħadd bħala klassifikazzjoni ta' 1)	Klassifikazzjoni tal-Klassi, Klassifikazzjoni tat-Tip li tinkludi taħriġ dwar id-differenzi MASSIMU ta' 15-il klassifikazzjoni b'kollox (MCC, jingħadd bħala klassifikazzjoni ta' 1)	Klassifikazzjoni tal-Klassi, Klassifikazzjoni tat-Tip li tinkludi taħriġ dwar id-differenzi MASSIMU ta' 20 klassifikazzjoni b'kollox (MCC, jingħadd bħala klassifikazzjoni ta' 1)	Klassifikazzjoni tal-Klassi, Klassifikazzjoni tat-Tip li tinkludi taħriġ dwar id-differenzi Aktar minn 15-il klassifikazzjoni b'kollox (MCC, jingħadd bħala klassifikazzjoni ta' 1)

Kriterji\Grupp	I	II	III	IV	V	VI
Klassifikazzjonijiet oħrajn	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	Klassifikazzjoni ta' Billejl Klassifikazzjoni Aerobatika UPRT FCL 745.A Klassifikazzjonijiet tal-Muntanji MASSIMU ta' żewġ klassifikazzjonijiet b'kollox	Klassifikazzjoni ta' Billejl Klassifikazzjoni Aerobatika UPRT FCL 745.A Klassifikazzjonijiet tal-Muntanji Klassifikazzjoni tat-test tat-titjira MASSIMU ta' sitt klassifikazzjonijiet b'kollox	Klassifikazzjoni ta' Billejl Klassifikazzjoni Aerobatika UPRT FCL 745.A Klassifikazzjonijiet tal-Muntanji Klassifikazzjoni tat-test tat-titjira MASSIMU ta' tmien klassifikazzjonijiet b'kollox	Klassifikazzjoni ta' Billejl Klassifikazzjoni Aerobatika UPRT FCL 745.A Klassifikazzjonijiet tal-Muntanji Klassifikazzjoni tat-test tat-titjira MASSIMU ta' 10 klassifikazzjonijiet b'kollox	Klassifikazzjoni ta' Billejl Klassifikazzjoni Aerobatika UPRT FCL 745.A Klassifikazzjonijiet tal-Muntanji Klassifikazzjoni tat-test tat-titjira Aktar minn 10 klassifikazzjonijiet b'kollox
FI-CRI-IRI-FTI	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	FI -IRI -CRI MASSIMU ta' żewġ korsijiet differenti ta' ċertifikat ta' għalliem b'kollox	FI -IRI -CRI - FTI MASSIMU ta' ħames korsijiet differenti ta' ċertifikat ta' għalliem b'kollox	FI -IRI -CRI - FTI MASSIMU ta' 10 korsijiet differenti ta' ċertifikat ta' għalliem b'kollox	FI -IRI -CRI- FTI MASSIMU ta' 15-il kors differenti ta' ċertifikat ta' għalliem b'kollox	FI -IRI -CRI- FTI Aktar minn 15-il kors differenti ta' ċertifikat ta' għalliem b'kollox
TRI/SFI (tipi)	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	TRI/SFI MASSIMU ta' żewġ korsijiet differenti ta' għalliem ta' TRI/SFI b'kollox	TRI/SFI MASSIMU ta' ħames korsijiet differenti ta' għalliem ta' TRI/SFI b'kollox	TRI/SFI MASSIMU ta' 10 korsijiet differenti ta' għalliem ta' TRI/SFI b'kollox	TRI/SFI MASSIMU ta' 15-il kors differenti ta' għalliem ta' TRI/SFI b'kollox	TRI/SFI Aktar minn 15-il kors differenti ta' għalliem ta' TRI/SFI b'kollox
Siti tat-taħriġ	Il-lok ewlieni biss	Massimu ta' sit tat-taħriġ addizzjonali wieħed	Massimu ta' tliet siti tat-taħriġ addizzjonali	Massimu ta' ħames siti tat-taħriġ addizzjonali	Massimu ta' seba' siti tat-taħriġ addizzjonali	Aktar minn seba' siti tat-taħriġ addizzjonali
Numru ta' tipi/ klassijiet ta' inġenji tal-ajru jew FSTD utilizzati għall-għoti tat-taħriġ (Kumulattiv)	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	Massimu: — żewġ klassijiet/tipi differenti ta' inġenji tal-ajru jew — żewġ FSTDs li jirrappreżentaw klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru	Massimu: — tmien klassijiet/tipi differenti ta' inġenji tal-ajru jew — tmien FSTDs li jirrappreżentaw klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru	Massimu: — 15-il klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru jew — 15-il FSTD li jirrappreżentaw klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru	Massimu: — 20 klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru jew — 20 FSTD li jirrappreżentaw klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru	Aktar minn: — 20 klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru jew — 20 FSTD li jirrappreżentaw klassi/tip differenti ta' inġenji tal-ajru

Kriterji\Grupp	I	II	III	IV	V	VI
Numru totali ta' inġenji tal-ajru u FSTD (kif applikabbli) utilizzati għall-għoti tat-taħriġ	L-ebda taħriġ fit-titjir L-ebda taħriġ dwar l-FSTD	Massimu ta' 10	Massimu ta' 24	Massimu ta' 45	Massimu ta' 60	Aktar minn 60
Numru ta' għalliema, inklużi għalliema tat-taħriġ teoretiku, involuti fl-għoti tat-taħriġ (għadd)	Massimu ta' 15	Massimu ta' 20	Massimu ta' 40	Massimu ta' 60	Massimu ta' 80	Aktar minn 80

([1]) Kull klassifikazzjoni tal-klassi/tat-tip se tkun tgħodd bħala waħda (eżempju: SEP (art), SEP (baħar), BE90 u A320 se jgħoddu bħala erbgħa).

([2]) Klassifikazzjonijiet tat-tip għat-taħriġ tal-inżul fl-art biss, in-numru ta' klassifikazzjonijiet tat-tip se jiġi ddeterminat min-numru totali ta' korsijiet tat-taħriġ għall-inżul fl-art immultiplikat b'0,5 u mqarreb għall-eqreb numru sħiħ. Il-klassifikazzjoni tat-tip se tinkludi taħriġ għall-inżul fl-art u Taħriġ ta' Ħin tat-Titjir Żero

(16) Fil-Parti I, it-Tabella 21, ta' dan l-Anness, l-Organizzazzjonijiet huma kklassifikati kif ġej:

	Żgħar	Medji	Kbar
Daqs tal-Organizzazzjoni	In-numru ta' membri tal-persunali involut fl-attività fl-ambitu tas-servizz (inklużi l-kuntratturi) huwa 20 jew inqas, u	n-numru ta' membri tal-persunal involuti fl-attività fl-ambitu tas-servizz (inklużi l-kuntratturi) huwa bejn 21 u 100, jew	in-numru ta' membri tal-persunal involut fl-attività fl-ambitu tas-servizz (inklużi l-kuntratturi) huwa aktar minn 100, jew
	in-numru ta' lokien huwa ugwali għal wieħed	in-numru ta' lokien huwa ugwali għal tnejn	in-numru ta' lokien huwa aktar minn tnejn

Għat-tariffi tal-approvazzjoni:

— Meta organizzazzjonijiet ġodda japplikaw għal aktar minn servizz wieħed, għandha tintalab l-ogħla tariffa applikabbli u għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,85 għal kull servizz sussegwenti.

— Meta l-organizzazzjonijiet li jkollhom ċertifikat validu japplikaw għal servizzi addizzjonali, għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,85 għal kull servizz mitlub.

— Għat-tariffi tas-sorveljanza:

— Meta l-organizzazzjonijiet ikollhom ċertifikat validu li jkopri aktar minn servizz wieħed, għandha tintalab l-ogħla tariffa applikabbli u għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,85 għal kull servizz sussegwenti.

(17) Fil-Parti I, it-Tabella 22, ta' dan l-Anness, l-organizzazzjonijiet huma kklassifikati kif ġej:

	Żgħar	Sempliċi	Standard	Kumplessi
Daqs tal-Organizzazzjoni	In-numru ta' membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni fl-ambitu jkun inqas minn 25, u	n-numru ta' membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni fl-ambitu jkun inqas minn 100 membru tal-persunal, u	n-numru ta' membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni fl-ambitu jkun inqas minn 400, u	n-numru ta' membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni fl-ambitu jkun aktar minn 400, jew
	in-numru ta' lokien għall-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni jkun ugwali għal wieħed.	in-numru ta' lokien għall-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni jkun tnejn jew inqas.	in-numru ta' lokien għall-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni jkun ħamsa jew inqas.	in-numru ta' lokien għall-attivitajiet tad-disinn jew tal-produzzjoni jkun sitta jew aktar.

(18) Għall-finijiet tat-tariffa tas-sorveljanza msemmija fil-Parti I, it-Tabella 22, ta' dan l-Anness, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA, European Union Agency for the Space Programme), li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1769 titqies ekwivalenti għal organizzazzjoni tad-disinn jew tal-produzzjoni, għandha tiġi kklassifikata taħt il-kategorija ta' organizzazzjoni kumplessa.

(19) Fil-Parti I, it-Tabella 24, ta' dan l-Anness, il-livell ta' servizz fuq il-Pjattaforma D4S huwa kkategorizzat kif ġej:

— Bażiku: aċċess għal intelligence sistemika tal-avjazzjoni dwar is-Settur Ewropew tal-Avjazzjoni bħall-monitoraġġ tar-riskji sistemiċi u d-detezzjoni ta' xejriet negattivi, valutazzjoni komparattiva fl-għama (bażika), riskji ġodda għas-sikurezza jew detezzjoni tal-vulnerabbiltà u eżiti tal-valutazzjoni ta' riskji sistemiċi ta' profil għoli;

— Avvanzat: aċċess għal intelligence dettaljata tal-avjazzjoni dwar is-Settur Ewropew tal-Avjazzjoni u kapaċitajiet analitiċi avvanzati, bħall-intelliġenza artifiċjali, offruti mill-Pjattaformi D4S biex titwettaq analiżi fuq talba u analiżi speċifika.

PARTI VI

Spejjeż tal-Ivvjaġġar

(1) Soġġett għall-paragrafu 3, meta jitwettaq kompitu jew servizz ta' ċertifikazzjoni, kompletament jew parzjalment, barra mit-territorji tal-Istati Membri, l-applikant għandu jħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar f'konformità mal-formula: d = v + a + h – e.

(2) Għall-fini tal-formula msemmija fil-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

d =	spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti;
v =	kostijiet tat-trasport;
a =	rati standard uffiċjali tal-Kummissjoni għal "*per diems*" li jkopru l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-ivvjaġġar lokali fil-post tal-missjoni u spejjeż varji ([11]);
h =	ħin tal-ivvjaġġar (numru standard ta' sigħat tal-ivvjaġġar għal kull destinazzjoni, kif stabbilit mill-Aġenzija), bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness;
e (komponent elettroniku) =	il-kostijiet medji tal-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri, li jinkludu l-kostijiet medji tat-trasport u l-ħin medju tal-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri, immultiplikati bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness, soġġetti għal rieżami u indiċjar annwali.

([11]) Ara "Rati attwali tal-*per diems*" kif ikkomunikati fuq is-sit web EuropeAid tal-Kummissjoni (https://international-partnerships.ec.europa.eu/funding-and-technical-assistance/guidelines/managing-intervention/diem-rates_en?keyword=per%20diem%20rates).

Meta missjoni tkun tikkonċerna aktar minn proġett wieħed, il-ħin tal-ivvjaġġar imsemmi f'dan il-paragrafu għandu jiġi allokat għall-proġetti rilevanti fi proporzjon mal-ħin jew l-attivitajiet maħsubin apposta għal kull proġett.

(3) Ir-riċevitur ta' taħriġ jew servizzi relatati mat-taħriġ mogħtija fuq il-post għandu jirrimborża l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-persunal tal-Aġenzija li jkun qed jagħti t-taħriġ, skont il-formula d = v + a + h.

(4) Għall-fini tal-formula msemmija fil-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

d = spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti;

v = kostijiet tat-trasport;

a = rati standard uffiċjali tal-Kummissjoni għal "*per diems*" li jkopru l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-ivvjaġġar lokali fil-post tal-missjoni u spejjeż varji ([12]);

h = ħin tal-ivvjaġġar (numru standard ta' sigħat tal-ivvjaġġar għal kull destinazzjoni, kif stabbilit mill-Aġenzija), bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II ta' dan l-Anness; fil-każ ta' missjonijiet relatati ma' diversi proġetti, l-ammont għandu jiġi subdiviż kif xieraq.

(5) L-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet jew il-partijiet ikkonċernati kif imsemmija fil-punt B(a) tal-Parti IIa ta' dan l-Anness jistgħu jiġu eżentati mir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar skont il-paragrafu 3 ta' din il-Parti meta jipprovdu taħriġ fuq il-post jew servizzi relatati mat-taħriġ fil-bini tal-Aġenzija, li jinvolvu vjaġġi ekwivalenti għall-vjaġġi meħtieġa mis-servizzi ta' taħriġ jew taħriġ fuq il-post ipprovduti mill-Aġenzija fil-bini ta' dawk l-entitajiet.

PARTI VII

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	Artikolu 12
Artikolu 13	Artikolu 13
Artikolu 14	Artikolu 14
Artikolu 15	Artikolu 15
Artikolu 16	Artikolu 16
Artikolu 17	Artikolu 17

([12]) Ara "Rati attwali tal-*per diems*" kif ikkomunikati fuq is-sit web EuropeAid tal-Kummissjoni (https://international-partnerships.ec.europa.eu/funding-and-technical-assistance/guidelines/managing-intervention/diem-rates_en?keyword=per%20diem%20rates).

Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2153	Dan ir-Regolament
Artikolu 18	Artikolu 18
Artikolu 19	Artikolu 19
Artikolu 20	Artikolu 20
Artikolu 21	Artikolu 21
Artikolu 22	Artikolu 22